MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Avviz Numru. 147/2012

**Ignatius Mallia**

**vs**

**Ray Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mill-attur Ignatius Mallia nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta’ April, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Ray Aguis ihallsu s-somma ta’ tmint’elef, tnejn u sittin Ewro u sitta w hamsin centezmu (€8,062.56), balanc ta’ prezz ta’ lift stallat fi blokkijiet ta’ flats fi Triq il-Hirtan, Marsascala.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Awwissu 2010 u bl-imghaxijiet legali mill-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Novembru 2009 – data tal-istallazzjoni – kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut gie notifikat bir-rikors promotur permezz ta' affissjoni li saret mal-bieb tar-residenza tieghu moghti fir-rikors promotur, fl-ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema u fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema nhar it-8 ta' Novembru 2012 kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxall John Francica a fol 18 tergo tal-process.

Rat illi l-konvenut gie notifikat ukoll bir-rikors promotur permezz ta' avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-16 ta' Novembru 2012 kif jidher mill-estratt ezebit a fol 17 mmarkat bhala Dok X.

Rat ukoll illi l-konvenut gie notifikat permezz ta' avviz li deher fil-gazzetta lokali intitolata The Times datata 23 ta' Jannar 2013, kopja taghha ezebita seduta stante nhar l-4 ta' April 2013.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' April 2013 l-konvenut ma deherx u l-attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tieghu.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' April 2013 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmint'elef, tnejn u sittin Ewro u sitta w hamsin centezmu (€8,062.56) kif mitluba fl-istess rikors promotur.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awwissu 2010 u bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Novembru 2009 kontra l-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------